MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1778/2003

**Untours Insurance Agents Limited C5655 ghas-socjeta' estera Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Lucianne Carabott ID 0482079M u l-istess Lucianne Carabott**

**Vs**

**Gerald Naja**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmien mija u tlieta w erbghin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm843.14c) rapprezentanti danni minnhom subiti b'rizultat ta' kollizjoni li saret fis-26 t'April, 2003 f'Paceville bejn vettura LCN 079 ta' l-attrici u vettura KTT 001 tal-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa li l-kagun tal-hsara tal-vettura ta' l-attrici ma kienetx minhabba fih. Huwa kien ipparkjat f'Paceville ghall-habta tas-1.30a.m u

l-karozza tieghu ma kellhiex hsara.  Aktar tard fl-istess jum instabet il-hsara fuq quddiem tal-vettura tieghu.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 69 Jesmond Cremona, Lucienne Carabott, Lily Abela, l-konvenut u ta’ James Drury.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi dakinhar ta’ l-incident l-attrici kienet ipparkjat il-karozza taghha f’Church Street, Paceville, magenb ir-*restaurant* li huwa maghruf bhala *D’Amici Restaurant*.  Aktar tard fl-istess lejl, il-konvenut ipparkja l-vettura tieghu wara dik ta’ l-attrici.  It-tnejn li huma mbaghad marru Paceville w eventwalment il-konvenut mar lura lejn il-karozza tieghu flimkien ma’ siehbu James Drury, u hemmhekk innota li l-karozza tieghu ma kienetx fl-istess pozizzjoni li kien halliha izda sab li din kienet giet imbuttata minn wara u b’rizultat t’hekk habtet mal-vettura ta’ l-attrici li kienet quddiemu.  Huwa stenna fuq il-post sakemm imbaghad giet l-attrici w eventwalment sejhu lill-pulizija.

F’din il-kawza m’hemmx kontestazzjoni li l-hsara fil-vettura ta’ l-attrici rrizultat minhabba d-daqqa li qalghet mill-vettura tal-konvenut.

Normalment dan ikun kaz ta’ *res ipsa loquitur* li tohloq presunzjoni kontra l-konvenut - presunzjoni li tista’ tigi ribattuta.  Certament il-fatt illi l-partijiet jaqblu li qabel ma’ sehh l-incident, il-vettura ta’ l-attrici kienet ipparkjata u li ma resqitx u l-fatt li din intlaqtet mill-vettura tal-konvenut, tat indikazzjoni li l-persuna li mexxa l-karozza tal-konvenut ghandu jahti ghal din il-kollizjoni.

Pero’ l-konvenut jichad emfatikament li huwa kien b’xi mod qieghed isuq il-karozza tieghu fil-mument tal-kollizjoni.  Meta huwa tela’ fuq il-pedana tax-xhieda, mill-komportament tieghu deher affidabbili.  Pero’ t-Tribunal ihoss li l-punt li ghamel differenza kbira ghal fini ta’ kredibbilta’ huwa l-fatt li kien il-konvenut li kien l-ewwel ma nduna li kien hemm il-kollizjoni in kwistjoni u li facilment

seta’, f’dawk is-sighat bikrin ta’ filghodu, saq il-karozza u telaq ‘l hemm - baqa’ jistenna hemmhekk sakemm giet id-*driver* tal-karozza l-ohra. Certament dan ma kienx ikun komportament ta’ persuna li qed jipprova jahrab mir-responsabbiltajiet tieghu.

Illi inoltre, l-post fejn kienet ipparkjata l-karozza tal-konvenut, kienet ezatt fil-kantuniera, kantuniera fejn jekk kien hemm karozzi ohra gejjin minn warajh, setghu facilment, kieku hadu d-dawra hazina, baqghu diehlin go fih minn wara u mbuttawh ghal fuq il-karozza l-ohra.

It-Tribunal jidhirlu li ma jhossx li jista’ serenament isib responsabbilta’ ghall-kollizjoni fil-konvenut. Anzi, x-xhieda tal-konvenut ghandha tigi emnuta li ma kienx hu li qed isuq il-vettura tieghu meta sehh l-incident u li probabbilment il-karozza tieghu ntlaqtet minn wara minn terz li baqa’ sejjer.

Pero’ tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ihoss illi ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talba ta’ l-atturi b’dan illi minhabba ragunijiet fuq imsemmija, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------